**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA/4-2011(30_04_2011).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar is-Sibt, 30 t' April 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fid-9.00 ta' filgħodu.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi-*Chairperson* u s-Sur Vincent Borg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-25 t' April 2011.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Stemma għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.
3. L-Offerta għall-knis ta' Toroq fix-Xlendi.
4. Sejħa għall-Offerti – PPP fuq Toroq.
5. Proġett Eco-Gozo – Belvidir taħt Triq San Xmun.
6. Proġett tal-Passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina.
7. Għamara tat-toroq għax-Xlendi.
8. Rapport taċ-*Chairperson*.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-membri.
11. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA/3-2011(26_03_2011).

**2.00 Stemma għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.**

2.01 Iċ-*Chairperson* ippreżenta abbozz ta' stemma għax-Xlendi. Huwa għamel riċerka dwar l-istemma tax-Xlendi. Il-kelma Xlendi ġejja mill-kelma Xelandion li kien tip ta' xini ta' żmien il-Biżantini. Għaldaqstant l-istemma turi xini ta' żmien il-Biżantini. L-istemma ġiet impenġija mill-Kaptan Adrian Strickland fis-sena 2000 fuq informazzjoni u suġġerimenti pprovduti minn Dr Joseph Bezzina u l-*artwork* sar minn Eric Debono. Il-motto huwa: Navium tutela – Irdoss għall-imriekeb – *Protection for Vessels*.
Kien hemm qbil sabiex din l-istemma tiġi ppreżentata lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali hekk kif ġejna mitluba minnu.

**3.00 L-Offerta għall-knis ta' Toroq fix-Xlendi.**

3.01 Il-kaxxa ta' l-offerti ngħalqet u nfetħet fis-6 t' April 2011 u nstabu erba' offerti:

(1) Saviour Xiberras – A - €24.95, B - €40.00, Ċ - €40.00.
(2) Nicholas Zammit – A - €39.95, B - €39.95, Ċ - €39.95.
(3) Joseph Haber – A - €47.20, B - €70.80, Ċ - €70.80.
(4) Joseph Dingli – A - €30.00, B - €50.00, Ċ - €50.00.

(A – Ġurnata Normali ta' Xogħol, B – Ġurnata Festa Pubblika, Ċ – Ġurnata tal-Ħadd).

Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ltaqa' fil-11 t' April 2011 sabiex jiddiskuti din l-offerta.

Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi qabel unanimament li l-offerta tingħata lis-Sur Saviour Xiberras peress li kienet l-orħos offerta.

**4.00 Sejħa għall-Offerti – PPP fuq Toroq.**

4.01 Il-Kunsill Lokali tal-Munxar ħareġ l-offerta RR/01/2011 – Public Private Partnership on Road Resurfacing bid-data ta' l-għeluq ta' nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Frar 2011. Peress li l-Perit ma kienx għadu lesta l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa, d-data ta' l-għeluq kellha titwal b' xahar u għalhekk saret nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Marzu 2011.

Fit-Tnejn, 28 ta' Marzu 2011 infetħet il-kaxxa ta' l-offerti fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Anthony Grech, is-Sindku s-Sur Joseph Sultana u l-Kunsillier is-Sur Mario Camilleri fejn instabu żewġ offerti.

L-offerta ta' Gatt Tarmac Ltd. hija:

Option A – Payment over 8 years - €434,289.80
Provisional Items – €3,715.49
Option B – Payment over 2 years - €347,449.50
Provisional Items – €2,972.39
Kien hemm anness il-Programme of Works li skontu x-xogħol għandu jsir f' 37 ġimgħa.

L-offerta ta' Road Construction Co. Ltd. hija:

Option A – Payment over 8 years - €439, 948.30
Provisional Items – €3,721.74
Option B – Payment over 2 years - €353,716.00
Provisional Items – €3,127.48
Ma kienx hemm anness il-Programme of Works.

4.02 Fid-29 ta' Marzu 2011, il-Kunsill kiteb lid-Direttur għall-Gvern Lokali u informah bir-rati li l-Kunsill irċieva fis-sejħa għall-offerti. Il-Kumitat kien ser jerġa' jiddiskuti dwar dan il-proġett hekk kif jirċievi mingħand id-Dipartiment.

**5.00 Proġett Eco-Gozo – Belvidir taħt Triq San Xmun.**

5.01 Il-proġett ta' Eco-Gozo propost mill-Kumitat sabiex jitranġa l-Belvidir ta' taħt Triq San Xmun ġie approvat. Huwa stmat li l-proġett jiġi jiswa €77,500 fejn €70,000 minnhom ser jitħallsu mill-iskema ta' Eco-Gozo.
Ġie deċiż li ċ-*Chairperson* ikellem lill-Perit Mariella Xuereb mill-Ministeru għal Għawdex sabiex tipprepara l-*Bill of Quantities* tat-*Tender*. F' każ li ma taċċettax, il-Kumitat ser jgħid lill-Perit John Saliba.

**6.00 Proġett tal-Passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina.**

6.01 Il-Bord tal-KNPD irċieva l-appell mill-Kumitat, peress li l-proġett ma jistax ikun aċċessibbli għall-persuni b' diżabilita' għaliex dan il-passaġġ huwa fuq l-irdum. Fil-laqgħa tal-Bord kien hemm qbil li dan il-proġett ma jistax ikun aċċessibbli għal kulħadd, iżda ppropona li jiġu emmendati l-pjanti.

**7.00 Għamara tat-toroq għax-Xlendi.**

7.01 Fost il-pjanijiet ta' *embellishment* għax-Xlendi, hemm pjanijiet li jsiru *pots* b' siġar taċ-Ċitru u bankijiet. Dawn ser jitħallsu mill-Fond tal-UIF.

**8.00 Rapport taċ-*Chairperson*.**

8.01 Iċ-*Chairperson* ma kellux x' jirrapporta peress li kien diġa' rrapporta waqt id-diskussjoni ta' l-Aġenda.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Il-Kumitat irċieva ittra mingħand l-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex. Il-NAG qiegħed jippjana u jittama li għall-okkażjoni ta' għeluq il-Ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex issir esibizzjoni ta' ritratti u dokumenti relattivi mal-Kunsill. Għall-okkażjoni ser joħroġ b' tifkira *set* bil-kulur ta' għoxrin kartolina bl-armi tal-belt, tal-lokalitajiet u tal-komunitajiet kollha ta' Għawdex. Biex il-proġett iseħħ hu meħtieġ li kull Kunsill u Kumitat Amministrattiv joħroġ €65 kull wieħed u ser jiġu stampati 500 *set*. Ġie deċiż li l-Kumitat jipparteċipa jekk lokalitajiet oħra jipparteċipaw.

9.02 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand il-WasteServ Malta Ltd. dwar ilment li rċevew mingħand persuna mix-Xlendi. Din il-persuna ilmentat li sidien ta' Stabbilimenti ta' l-Ikel qed ipoġġu boroż ta' *swill* maġenb l-istatwa ta' Sant' Indrija. Iċ-*Chairperson* kien ser ikellem sidien ta' tliet Stabbilimenti ta' l-Ikel.

**10.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

10.01 Is-Sinjorina Joselle Buttigieg staqsiet jekk il-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi tistax tinfetaħ sabiex grupp ta' persuni jkun jista' jidħol. Il-Kumitat aċċetta li din tinfetaħ.

10.02 Iċ-*Chairperson* qajjem il-każ dwar *plots* mhux mibnija u li m'humiex magħluqa b' ħajt. Huwa kien ser jieħu ritratti sabiex jittieħdu l-passi neċessarji.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li hemm il-possibilta' li jsir *Bring in Site* għas-sidien ta' Stabbilimenti ta' l-Ikel sabiex tikkumplimenta l-*Bring in Site* li diġa' hemm fil-*Parking* biex tkun aktar ta' użu għar-residenti u viżitaturi tax-Xlendi.

11.02 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li fi Triq il-Qroll hemm parti tat-triq li trid titqaxxar minħabba li jżomm l-ilma. Kien hemm qbil dwar dan.

11.03 Is-Sindku informa lill-Kumitat Amministrattiv li fil-Munxar twaqqfet għaqda bl-isem 'Inħobbu lill-Munxar u Ix-Xlendi'. Din l-għaqda applikat għall-fond Eco-Gozo u ġie approvat proġett ta' €50,000. B' din is-somma hemm propost li jagħmlu:

- Tabelli ma' postijiet ta' interess.
- Kotba u DVD's b' diversi lingwi dwar Il-Munxar u Ix-Xlendi.
- *Interactive Kiosk* fil-Munxar u fix-Xlendi.

Bħala Kumitat qed niġu mitluba sabiex nindikaw fejn hemm il-bżonn li jsiru tabelli u jiġi pprovdut l-*internet* għall-*Interactive Kiosk*.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00 ta' filgħodu u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar is-Sibt, 25 ta' Ġunju 2011, fid-9.00 ta' filgħodu.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***